



Brussell, 4 ta' Marzu 2016  
(OR. en)

6490/2/13  
REV 2 EXT 1

WTO 38  
COASI 21  
OC 70

### DEKLASSIFIKAZZJONI PARZJALI

---

tad-dokument: 6490/2/13 REV 2 RESTREINT UE

data: 27 ta' Frar 2013

status ġdid: Pubbliku

Suġġett: ASEAN: tnedija ta' negozjati bilaterali tal-FTA mat-Tajlandja

**LINJI GWIDA KOMUNI**

**Skadenza għall-konsultazzjoni 27.02.2013**

---

Id-delegazzjonijiet ser isibu mehmuża l-verżjoni parzjalment deklassifikata tad-dokument imsemmi hawn fuq.



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 27 ta' Frar 2013  
(OR. en)**

**6490/2/13  
REV 2**

**RESTREINT UE/EU RESTRICTED**

**WTO 38  
COASI 21  
OC 70**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: il-Presidenza  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2) / Kunsill  
Suġġett: ASEAN: tnedija ta' negozjati bilaterali tal-FTA mat-Tajlandja  
**LINJI GWIDA KOMUNI**  
**Skadenza għall-konsultazzjoni 27.02.2013**

---

1. Fit-23 ta' April 2007, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tidħol fnegożjati għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-pajjiżi tal-ASEAN (dokument 8600/07), filwaqt li hu mifhum li l-objettiv kien li jiġi negożjat Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn reġjun u ieħor.
2. Fl-istess ħin, l-awtorizzazzjoni pprevediet il-possibbiltà ta' negożjati bilaterali fil-każ li ma jkunx possibbli li jintlaħaq ftehim għal negozjar konġunt ma' grupp ta' pajjiżi, u fejn negożjati bilaterali bħal dawn kienu aċċettabbli politikament u kienu ekonomikament sinifikattivi.

3. Il-Kummissjoni rrappurtat lill-Kumitat tal-Artikolu 133 tat-8 ta' Mejju 2009 dwar id-diffikultajiet li nqalgħu fin-negojzati bejn reġjun u ieħor, u li ż-żewġ naħat kienu qablu li jwaqqfu n-negojzati għal ftit. F'dik il-laqgħa l-Kumitat tal-Artikolu 133 talab lill-Kummissjoni tesplora l-prospetti għal negozjati bilaterali individwali ma' numru ta' pajjiżi tal-ASEAN. Abbażi ta' diskussionijiet esplorattivi, il-Kummissjoni ssuġġeriet l-insegwiment ta' FTA bilaterali mal-pajjiżi rilevanti tal-ASEAN fil-futur u li bħala l-ewwel pass għandhom jitniedu negozjati bilaterali mas-Singapor. It-tnedja ta' negozjati bilaterali tal-FTA issir skont il-każ, wara valutazzjoni mill-Kummissjoni, diskussioni sostantiva fil-Kumitat tal-Artikolu 133 u approvazzjoni sussegwenti mill-Kunsill.

Finalment, bħala parti mill-aproċċ suġġerit, il-Kummissjoni kkonfermat l-objettiv strateġiku ta' ftehim bejn reġjun u ieħor u, għal dan il-ġhan, il-ħtieġa li tīgħi żgurata l-konsistenza fin-negojzati bilaterali futuri tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-pajjiżi tal-ASEAN u bejniethom.

4. Fil-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Novembru 2009, il-Kumitat tal-Artikolu 133 approva dan l-aproċċ u ssuġġerixxa li tīgħi adattata l-awtorizzazzjoni u d-direttivi għan-negojzati msemmi minn hawn fuq f'dan is-sens.

Barra minn hekk, il-Kumitat:

- issottolinja l-istennija tiegħu li t-tnedja tan-negojzati mas-Singapor għandha twitti t-triq għal Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles bilaterali addizzjonali mal-pajjiżi rilevanti tal-ASEAN, fil-futur qrib;
- enfasizza l-importanza li n-negojzati bilaterali għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles jintużaw biex jiżguraw l-interessi għall-aċċess għas-swieq tal-Istati Membri u n-negożji tal-UE - fkonformità mal-istrateġija tal-"Ewropa Globali" - dwar varjetà wiesgħha ta' kwistjonijiet, inklużi tariffi u ostakoli non-tariffarji, is-servizzi u l-istabbiliment, l-FSA, id-drittijiet tal-proprijetà intellektuali u l-akkwist.

5. Fil-15 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni rrappurtat lill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali dwar it-taħdidiet ta' tħejjija mat-Tajlandja għal FTA. Abbażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni rrakkomandat it-tnedija ta' negozjati għal FTA mat-Tajlandja. Il-Kumitat ikkonferma mill-ġdid l-approċċ ġenerali tiegħu għan-negożjati ma' pajjiżi individwali tal-ASEAN kif kien approvat mill-Kunsill fit-22 ta' Diċembru 2009 u kif imniżżel fid-dokument 17494/09 u approva r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. **MHUX DEKLASSIFIKAT**

## **MHUX DEKLASSIFIKAT**

Il-Kumitat fakkar lill-Kummissjoni fl-obbligu li tmexxi n-negozjati f'konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali u biex tirraporta regolarmen lill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali dwar il-progress tan-negozjati.

6. F'konformità mal-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni għad-dħul f'neozjati dwar FTA mal-pajjiżi tal-ASEAN (dokument 8600/07), il-Coreper huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt A, fwaħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
- jaqbel li l-Kummissjoni għandha tibda negozjati bilaterali dwar FTA mat-Tajlandja bħala l-pass li jmiss fit-triq lejn negozjati dwar FTA mal-pajjiżi tal-ASEAN, b'kont meħud li r-Rappresentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, jaaprova li l-Kummissjoni tirrappezza dawk l-oqsma li jaqgħu taħt l-isfera ta' kompetenza tagħhom;
  - jaqbel li l-Kummissjoni għandha tkompli bl-isforzi tagħha sabiex tippermetti t-tnedija ta' aktar negozjati ma' pajjiżi rilevanti oħra tal-ASEAN, b'kont meħud ukoll li sett ta' Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles bilaterali ma' pajjiżi rilevanti fir-reġjun biss jissodisfa l-perspettiva oriġinali tal-Kunsill għan-negozjati;
  - jikkonferma li negozjati bħal dawn ser jitwettqu, fir-rigward tat-Tajlandja, f'konformità mad-direttivi tan-negozjar eżistenti kif annessi mad-dokument 8600/07, u abbażi tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Ftehim għandu jieħu kont tal-orientazzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 5 hawn fuq;

– **MHUX DEKLASSIFIKAT**

– **MHUX DEKLASSIFIKAT**

**ANNESS**

**MHUX DEKLASSIFIKAT**

\_\_\_\_\_